21 ta' April, 1950.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonio Grech et. *versus* Emmanuele Grech et. (*)

**Kontijiet — Amministrazzjoni — Likwidazzjoni — Avvjament — Solidarjetà — Preskrizzjoni — Art. 2262 tal-Kodiči Čivili.**

***Huwa** veru li, kif dejjem irritenew it-Tribunali Taghna, qabel ma jsiru domandi ghad-diviżjoni ta' wiehed jew uhud mill-ġid li jikkomponi assi ereditarju, ghandu jiġi qabel xejn firmat u likwidat dak l-assi, u li bhala konsegwenza ta' dan mhux leċitu lil wiehed jew uhud mill-werrieta jitolbu li jiġu rikonoxxuti bhala komparteċipi ta' xi biċċa minn dak il-ġid jew ta' xi stabili jew avvjament kummerċjali minn ta' dak il-ġid, qabel ma jiġi stabbilit f'hix jikkonsisti l-assi. **Ghaldaqstant** langas huwa leċitu li jiġi mitlub rendikont ta' avvjament li jifforma parti minn assi illikwidu bhala domanda preordinata ghad-diviżjoni u konsegwiment tal-profitti li talvolta saru minn dak l-avvjament.*

*Imma dan il-prinčipju ma hux applikabili appuntu meta dik il-likwidazzjoni u divižjoni jkunu saru, jew meta r-rendikont jiġi mitlub in riferenza għal xi wieħed jew biċċa mill-ġid ereditarju li dwaru l-amministratur ikun assuma l-obligu ta' l-amministrazzjoni bi ftehim espress; għax f'dan l-aħħar imsemmi każ l-azzjoni għar-rendiment tal-kontijiet tohroġ "ex contractu".*

*Min jassumi l-amministrazzjoni ta' avvjament kummerċjali jassumi obligazzjoni ta' natura kummerċjali; u jekk l-obligu jiġi assunt minn tnejn min-nies, l-obligu tagħhom għar-rendiment tal-kontijiet huwa solidali.*

*L-azzjoni għar-rendiment tal-kontijiet tippreskrivi ruħha fiż-żmien ta' ħames snin; imma jekk l-amministratur imut, il-preskrizzjoni hija ta' sena mill-mewt ta' l-amministratur li miet.*

*Jekk imbagħad l-amministraturi jkunu tnejn, u wieħed minnhom imut, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kontra l-werrieta ta' l-amministratur il-mejjet tiġi ridotta għal sena, mentri kontra l-amministratur il-ħaj tibqa' ta' ħames snin; u dan avvolja l-obligazzjoni ta' bejn iż-żewġ amministraturi kienet solidali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fejn l-atturi, wara li qalu illi b'kuntratt magħmul għand in-Nutar Giovanni Azzopardi fil-25 ta' April 1932 (dok. A) il-konvenut Emmanuele Grech ma' Alfredo Debono, il-lum mejjet, ġew nominati minnhom, flimkien ma' l-eredi l-oħra ta' Vincenzo u Barbara ġà miżżewġin Grech, amministraturi ta' l-avvjament u inkwilinat taċ-Cinema "Savoia", fi Pjazza Sant'Anna, nru. 5, Sliema, u tal-ħanut għall-bejgħ ta' l-inbid u spiriti fl-istess Pjazza nru. 4, bil-lokal sovrastanti adibit għall-użu ta' każin, bl-attrezzaturi relativi, li l-lum ġew mill-imsemmija Emmanuele Grech u Alfredo Debono inkorporati u trasformati fil-"Majestic Theatre", tas-Sliema, liema negozju u ċinematografu kienu jiffurmaw l-assijiet ta' l-imsemmija Vincenzo u Barbara miżżewġin Grech, li mietu rispettivament fit-23 ta' Ġunju 1929 u

(*) B'sentenza tat-2 ta' Ġunju 1950 ġie mogħti permess biex isir appell minn din is-sentenza lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re.

L-appell ġie miċħud mill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina b'sentenza ta' l-14 ta' Lulju 1952.

fil-5 ta' Ottubru 1913, li kellhom jibqgħu indiviżi; u qalu li meta fil-1 ta' Marzu 1942, miet l-imsemmi Alfredo Debono, l-istess negozju u ċinematografu baqgħu jiġu amministrati flimkien ma' l-imsemmi Emmanuele Grech, mill-konvenut Carmelo Debono, kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju tal-konvenuti l-oħra ħutu fil-kwalità tagħhom ta' eredi ta' l-istess Alfredo Debono; u illi minn meta sar il-kuntratt fuq imsemmi fil-25 ta' April 1932 sal-lum qatt ma ġie mogħti lill-atturi rendikont ta' l-amministrazzjoni ta' l-imsemmi negozju u ċinematografu, li kienu u għadhom jiffurmaw l-assijiet fuq imsemmija, la mill-imsemmi Alfredo Debono, la mill-konvenut Emmanuele Grech, u lanqas mill-konvenuti l-oħra aħwa Debono, non ostanti illi l-konvenuti kollha ġew interpellati b'ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu 1946; u talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenuti, jew min minnhom, ikunu kundannati jagħtuhom rendikont ġust u fidil tal-ġestjoni minnhom miżmuma tan-negozju u ċinematografu fuq imsemmija mill-25 ta' April 1932 sal-lum; u dana skond id-dispożizzjoni ta' l-art 389 u segwenti tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fi żmien li jiġi lilhom prefiss minn dik il-Qorti; u jekk iż-żmien jgħaddi inutilment, huma jkunu awtorizzati jippreżentaw kont huma u jikkonfermawh bil-ġurament għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-10 ta' Mejju 1949, li biha ġew milqugħa t-talbiet, u għall-finijiet tagħhom ġew mogħtija lill-konvenuti xahrejn żmien; bl-ispejjeż nofs kontra l-konvenut Emmanuele Grech u nofs kontra l-konvenuti l-oħra; wara li kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta li b'kuntratt tal-25 ta' April 1932 għand in-Nutar Giovanni Azzopardi ġiet transatta kawża li allura kien hemm quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq il-wirt tal-miżżewġin Vincenzo u Barbara Grech, u ġie likwidat l-assi tagħhom bħala konsistenti biss fl-avvjament u l-inkwilinat taċ-Cinema Savoia, numru 5, fi Pjazza Sant'Anna, tas-Sliema, u tal-ħanut tax-xorb numru 4

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jippretendu li wara li sar dak l-att tal-25 ta' April 1932 kien sar ftehim ieħor, li bis-saħħa tiegħu saret ċessjoni a favur ta' l-imsemmijin Emmanuele Grech u Alfredo Debono, ta' l-inkwilinat u ta' l-avvjament tal-lokal fuq deskritti, bil-korrispettiv ta' 8s. kuljum............. U la darba l-atturi ma kellhomx parti f'dik iċ-ċessjoni pretiża mill-appellanti, ma jista' jkollhom ebda preġudizzju għad-drittijiet tagħhom riżultanti mill-imsemmi att tal-25 ta' April 1932;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti fil-petizzjoni tagħhom issottomettew ukoll li t-talba tar-rendikont mhix ammissibili, għaliex hija preordinata għad-diviżjoni u għall-konsegwiment tal-profitti li tal-volta saru minn ħaġa li tidħol fil-wirt ta' l-imsemmijin konjuġi Grech. Huma isostnu li billi l-eredità hija "universum jus", mhux leċitu li toħroġ minnha partita, anqas jekk tkun tifforma oġġett ta' ġudizzju preparatorju; u ċċitaw favur itteżi tagħhom is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta' April 1935 in re "Libreri vs. Coleiro et." (Kollez. Vol. XXIX, parte I, pag. 1203). F'din is-sentenza jingħad li l-Qrati Tagħna dejjem irritenew li qabel ma jsiru domandi għad-diviżjoni ta' wieħed jew biċċa mill-ġid li jikkomponi l-assi ereditarju, għandu jiġi firmat u likwidat l-assi, u li bħala konsegwenza ta' dan mhux leċitu lil wieħed jew lil xi wħud mill-koeredi jitolbu li jiġu rikonoxxuti bħala komparteċipi ta' kwota ta' eredità, jew ta' xi stabili jew avvjament kummerċjali, qabel ma jkun stabbilit f'hix jikkonsisti l-assi;

Il-prinċipji stabbiliti f'dik is-sentenza ma japplikawx għall-każ in eżami; mhux biss għaliex l-assijiet ta' Vincenzo u Barbara ġà konjuġi Grech ġew likwidati bejn l-interessati kollha bl-att tal-25 ta' April 1932, imma anki, u prinċipalment, għaliex it-talba ta' l-atturi mhix għad-diviżjoni ta' wieħed jew biċċa mill-ġid li jidħol fl-assijiet fuq indikati, iżda sempliċement għall-osservanza ta' l-obligu assunt bl-imsemmi kuntratt da parti ta' Emmanuele Grech u Alfredo Debono. L-azzjoni esperita biċ-ċitazzjoni hija dik "ex contractu", u mhux dik "communi dividundo";

Ikkunsidrat;

fl-istess Pjazza, bil-okal ta' fuqu li a'lura kien użat bħala "Casino Sliema", bl-attrezzi tagħhom, stmati b'kollox £400;

Dana l-ġid ġie mħolli mhux maqsum bejn il-partijiet, li ftehmu li jafdaw lill-konvenut Emmanuele Grech u lil Alfredo Debono, il-kunjat tiegħu, bħala amministraturi ta' dak in-negozju u taċ-ċinematografu fl-interess komuni; u Emmanuele Grech u Alfredo Debono obbligaw ruħhom li jirrendu l-kont lill-interessati kull tliet xhur, u li jħallsu lil Ersilia Grech, li a'lura kienet tidher għal uliedha minuri, mhux anqas minn 10s. fix-xahar, sa'x il-kontegg f'għeluq kull tliet xhur. Mill-istess att jirriżulta li sa dak in-nhar tal-publikazzjoni tal-kuntratt il-ħanut fuq imsemmi kien amministrat mill-Prokuratur Legali Armando Mifsud;

*Omissis;*

In vista ta' dak kollu li ġie rilevat, il-konvenuti ma jissigħux isostnu li rrendew il-kont u li ma għandhomx kontijiet x'jirrendu lill-atturi..............;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti d-domandi ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bil-kuntratt li sar għand in-Nutar Giovanni Azzopardi fil-25 ta' April 1932 (fol. 6) ġiet transatta l-kawża............ It-transazzjoni, li saret bil-kuntratt fuq imsemmi ġiet awtorizzata mill-Qorti, u fost affarijiet oħra ġie miftiehem kif hawn taħt migjub................ (c) li dawk l-assijiet kellhom jibqgħu mingħajr ma jinqasmu, u l-komparenti kollha innominaw lil Emmanuele Grech u lil Alfredo Debono, li aċċettaw, "ad amministrare................";

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar, mill-partijiet fuq riportati mill-att tat-transazzjoni li sar għand in-Nutar Giovanni Azzopardi fil-25 ta' April 1932, it-termini ta' dik it-transazzjoni huma wisq differenti minn dawk taċ-ċitazzjoni originali, inkwiża biss, għall-likwidazzjoni ta' l-assijiet ta' Vincenzo u Barbara ġà konjuġi Grech................;

Illi fl-aħħar parti tal-petizzjoni l-appellanti, tfal u eredi ta' Alfredo Debono, eċċepew li l-azzjoni proposta mill-atturi jinsab milquta bil-preskrizzjoni ta' sena prevista mill-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili, billi Alfredo Debono miet fl-1 ta' Marzu 1942, u l-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja għar-rendikont saritilhom bl-ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu 1946. Fuq din l-eċċezzjoni għandu jiġi rilevat li bil-kuntratt tal-25 ta' April 1932 l-amministrazzjoni tan-negozju u taċ-ċinematografu hemm imsemmijin ġiet fdata lill-imsemmijin Emmanuele Grech u Alfredo Debono, li aċċettaw u obligaw ruħhom li jirrendu kont ta' l-amministrazzjoni tagħhom kull tliet xhur. Dik l-amministrazzjoni ta' negozju u ta' ċinematografu hija ta' natura kummerċjali, u ta' l-istess natura għandu jitqies l-obligu korrispettiv assunt miż-żewġ amministraturi Grech u Debono, li jirrendu kontijiet kull tliet xhur. Għalhekk, għall-adempiment ta' dak l-obligu, l-imsemmijin Grech u Debono kienu tenuti "in solidum", skond id-dispożizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art. 119 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Skond l-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni għar-rendiment tal-kontijiet kontra amministratur tippreskrivi ruħha wara sena mill-jum tal-mewt tiegħu. Mid-dokument eżibit fil-fol. 235 tal-proċess jirriżulta li Alfredo Debono miet fl-ewwel ta' Marzu 1942; u l-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja għar-rendiment tal-kont saret fit-2 ta' Awissu 1946 (fol. 236), jiġifieri iżjed minn erba' snin wara. Dik il-preskrizzjoni hija waħda minn dawk "brevi" stabbiliti mil-liġi, li jistgħu jiġu eċċepiti kompatibilment mal-kontestazzjoni tad-debitu (ara Appell Ċivili, 5 ta' Frar 1932, in re "Wismayer vs. Naudi"; u Kollez. Vol. XXI—I—200; u Vol. XXVI, P.I., sez. III, pag. 255 u 300). Dik il-preskrizzjoni, għalhekk, kienet tinsab kompita fir-rigward ta' Alfredo Debono, u l-lum tal-werrieta tiegħu, meta saret l-imsemmija interpellazzjoni tat-2 ta' Awissu 1946, billi ma jirriżultax li fil-kors tagħha ġiet interrotta jew posterjorment rinunzjata;

Il-fatt li l-obligu ta' Alfredo Debono kien "in solidum" ma' dak ta' Emmanuele Grech ma jġibx li jekk il-preskrizzjoni ma ġietx eċċepita minn dana Grech ma tistax anqas tiġi eċċepita b'suċċess minn għand l-eredi ta' Debono. Anzi l-kuntrarju għandu jiġi ritenut, skond ma ġie deċiż minn din il-

Qorti fis-17 ta' Marzu 1933 in re "Bartolo vs. Zarb et." in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 806 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-lum art. 1143 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid li "l-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri 'in solidum', u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed minn dawn id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom"; u b'dik is-sentenza gie ritenut li "l'articolo 806 dell'Ordinanza VII del 1868 accorda l'efficacia estensiva agli altri debitori solidali della ricognizione del debito da parte di uno dei condebitori solidali soltanto all'interruzione di una prescrizione in corso, e non alla rinunzia alla prescrizione già perfezionata". Minn dana jidher ċar li meta favur wieħed mid-debituri solidali l-preskrizzjoni tkun kompita, ma jistax ikunu lilu ta' pregudizzju l-fatt li d-debitur solidali l-ieħor ikun irrinunzja għall-preskrizzjoni, jew fir-rigward tiegħu tkun għadha ma għalqetx, meta, bħal f'dan il-każ. it-terminu tal-preskrizzjoni huwa differenti għaż-żewġ debituri, billi t-terminu ordinarju ta' ħames snin fir-rigward ta' Debono gie ridott għal sena minħabba l-mewt tiegħu. Minn dik is-sentenza jirriżulta evidenti li debitur solidali jista' jeċċepixxi b'suċċess il-preskrizzjoni, non ostanti li kondebituri solidali oħrajn ikunu għadhom tenuti għall-adempiment ta' l-obligazzjoni minnhom ilkoll flimkien assunta (ara anki, f'dan is-sens, sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-30 ta' Jannar 1873 in re "Gargani et. vs. Sant et.", Kollez. Vol. VI, pag. 398);

Ikkunsidrat;

Illi, bħal ma ntqal fuq, l-imsemmija preskrizzjoni eċċepita mit-tfal u eredi ta' Alfredo Debono tirriżulta minn żmien kompita, billi ma gietx interrotta fil-kors tagħha, u anqas ma giet rinunzjata wara l-kompiment tagħha..............;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li l-appellanti, tfal u werrieta ta' Alfredo Debono, giebu 'l quddiem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'dina l-istanza jiggustifika moderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjeż fir-rigward tagħhom fis-sens infraskritt (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 1918 in re "Calleja vs. Falzon", Kollez. Vol. XXIII—I—952);

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti safejn kompatibili;

Wara li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti Carmelo, Joseph, Mary mart Alfred Lanzon, Amelia mart Joseph Zammit Bonett, A. & C.E., Doris mart Joseph Mifsud, Frank u Walter, aħwa Debono, dan l-aħħar rappreżentat mit-tutriċi Marianna armla Debono, ommu, tilqa' l-appell ta' l-istess aħwa Debono u tirrevoka fir-rigward tagħhom is-sentenza appellata; u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi fil-konfront ta' l-atturi appellati ma jiġux taxxati, iżda d-dritt tar-reġistru għandu jitħallas mill-istess atturi appellati;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut Emmanuele Grech, u tikkonferma fir-rigward tiegħu s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-istess Grech; b'dan li t-terminu ta' xahrejn lilu prefiss b'dik is-sentenza għandu jibda jgħaddi mil-lum;

U fis-sens fuq imsemmi rriformat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fl-10 ta' Mejju 1949.

---